MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 725/2006

**Joseph Borg (ID 292619 (M)) u b'digriet tal-25 ta' Frar 2009 l-atti gew trasfuzi f'isem Vincent Borg u Maria Borg *stante* l-mewt ta' Joseph Borg**

**vs**

**Godwin Borg**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Joseph Borg datat 7 ta' Awwissu 2006 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi ricentement l-attur sar jaf li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru, 1993 gie ppublikat kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono fejn tnizzel li l-attur biegh u ttrasferixxa a favur tal-konvenut porzjon diviza mill-ghalqa msejha Tal-Mistra' fil-kuntrada omonima fil-limiti tal-

Mellieha drabi ohra maghrufa bhala limiti ta’ San Pawl il-Bahar, tal-kejl superficjali ta’ cirka siegh, ossija mija u sebgha u tmenin punt tnejn tlieta metri kwadri (187.23mk); kopja legali ta’ liema kuntratt qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument ‘A’.

Illi l-imsemmi kuntratt gie insinwat fir-Registru Pubbliku fit-23 ta’ Dicembru 1993 f’ Volum I: numru 9360/93.

Illi l-attur ma kellu ebda parti fl-imsemmi kuntratt tal-21 ta’ Dicembru 1993 u qatt ma ikkonsentixxa ghall-bejgh u trasferiment tal-porzjon tal-imsemmija ghalqa msejha ‘Tal-Mistra’, tant li ghal zmien twil lanqas ma kien jaf bl-ezistenza ta’ tali kuntratt: kwindi, l-kunsens tal-attur fuq l-imsemmi kuntratt huwa ghal kollox nieqes.

Illi ghalhekk l-imsemmi kuntratt sar *b’dolo* ossija b’qerq ipprattikat jew mill-konvenut (wahdu jew ma’ ohrajn), jew minn terzi, u dan a skapitu tal-konvenut.

Illi wkoll skont l-imsemmi kuntratt tal-21 ta’ Dicembru 1993, l-attur ircieva mitejn lira maltija (Lm200) mill-konvenut bhala prezz tal-imsemmija ghalqa, izda dan, ghar-ragunijiet kif diga’ premessi, m’huwiex minnu.

Illi fid-data tal-kuntratt, cioe’ fil-21 ta’ Dicembru 1993, l-attur kellu l-eta` avvanzata ta’ erbgha u sebghin (74) sena u ma kellux id-dawl ta’ ghajnejh: *inoltre* l-attur huwa illitterat.

Illi l-konvenut huwa wild l-attur.

Illi *in vista* tal-qerq u l-ghemil dolus ipprattikat mill-konvenut (wahdu jew ma’ ohrajn), jew minn terzi, l-imsemmi kuntratt tal-21 ta’ Dicembru 1993 huwa null ossija annullabbli u l-attur ghandu l-jedd jipprocedi bil-prezenti proceduri kontra l-konvenut sabiex din Onorabbli Qorti tordna r-rexizzjoni ta’ l-istess kuntratt okkorendo d-dikjarazzjonijiet necessarji.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-kunsens tal-attur ghall-kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono fil-21 ta' Dicembru sena 1993 huwa ghal kollox nieqes u l-istess kuntratt gie miksub b'qerq ghad-dannu tal-attur.

2. Tiddeciedi u tiddikjara u li l-kuntratt tal-21 ta' Dicembru sena 1993 in atti Nutar Dottor John Debono huwa null u ta' ebda effett legali u tordna r-rexissjoni tal-istess kuntratt.

3. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut qatt ma hallas lill-attur l-prezz ta' mitejn lira maltija (Lm200) u l-konvenut, ghalhekk, ma ghandu jiehu xejn lura minn ghand l-attur meta jsehh ir-rexissjoni skont id-domanda precedenti.

4. Tikkundanna lill-konvenut jaddivjeni ghall-att notarili ta' rexissjoni tal-imsemmi kuntratt tal-21 ta' Dicembru sena 1993 in atti Nutar Dottor John Debono u tiffissa l-gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-istess att, u tinnomina kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess att jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li hu ngunt ghas-subizzjon.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebit a fol. 3 sa 9 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh tal-10 ta' Jannar 2007.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Godwin Borg datata 4 ta' Settembru 2006 a fol 15 tal-process fejn eccepixxa: -

1. Illi *in linea* preliminari l-azzjoni odjerna hija inattendibbli billi hija preskritta skont l-**artikolu 1222 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

2. Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess l-eccipjent jichad kategorikament li huwa, wahdu jew ma

ohrajn, qarraq b'xi mod lil missieru r-rikorrenti biex addivjena ghall-publikazzjoni tal-kuntratt mertu tal-kaz u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fill-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda tal-intimat a fol 16 u 17 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta' Jannar 2007 fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Ramona Frendo sabiex tirrelata dwar it-talbiet attrici wara li tiehu konjizzjoni tar-risposta guramentata tal-konvenut u dan skond digriet tal-istess data.

Rat ir-rikors tal-konjugi Vincent u Maria Borg datata 24 ta' Frar 2009 a fol 94 tal-process fejn talbu lill-Qorti tordna li l-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi jghaddu fil-persuni tar-rikorrenti sabiex jissuktaw il-kawza minflok il-mejjet Joseph Borg; u l-Qorti laqghet it-talba *stante* il-mewt ta' Joseph Borg kif jidher bid-digriet moghti fil-25 ta' Frar 2009 (fol 95).

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Ramona Frendo flimkien max-xhieda quddiemha prodotta u d-dokumenti hemm ipprezentati.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Vincent u Maria Borg illum atturi, datata 7 ta' Lulju 2010 a fol 323 tal-process.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ramona Frendo pprezentat fir-registru fil-11 ta' Jannar 2011 u mahluf fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2011li jinsab a fol. 348 *et sequitur* tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti nkluz dak tas-seduta tat-18 ta' Mejju 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Ramona Frendo bhala Perit Legali. Deher il-konvenut Godwin Borg. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza deher Dr. Kris

Balzan ghall-atturi, Maria Borg prezenti u Dr. Ivan Gatt li rrimetta ruhu ghar-rapport. Dr. Balzan talab li jipprezenta nota ta’ kritika. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefeggiet sittin (60) gurnata zmien ghall-istess bin-notifika/*visto* lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom sittin (60) gurnata ghan-nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Frar 2012 u sussegwentement ghall-20 ta’ Marzu 2012 u ghat-2 ta’ Ottubru 2012.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti datat 23 ta’ Settembru 2012 (fol. 545) fejn cahdet it-talba tal-konvenut fir-rikors tieghu datat 8 ta’ April 2010 ghaliex l-istess rikors ma’ gie qatt notifikat skond kif decretat mill-Qorti fit-13 ta’ April 2010, u wkoll ghaliex il-provi kienu sussegwentement gew kkonsidrati bhala maghluqa tant li gie redatt ir-rapport legali datat fil-11 ta’ Jannar 2011.

Rat id-digrieti tal-istess datati rispettivament 23 ta’ Settembru 2012 fejn ghall-istess raguni cahdet it-talba tal-attur fir-rikors tieghu datat 16 ta’ April 2008 (fol. 538) u tal-konvenut fir-rikors tieghu 5 ta’ Settembru 2008 (fol.531).

Rat in-nota ta’ kritika tal-atturi datata 18 ta’ Lulju 2011 a fol. 547 tal-process

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din il-kawza tirrigwarda t-talba ta’ l-attur Joseph Borg li miet fil-mori ta’ dawn il-proceduri ghar-rexxissjoni ta’ kuntratt ta’ bejgh tal-21 ta’ Dicembru 1993, allegatament ghaliex ghandu wiehed mir-rekwiziti essenzjali ghall-validita` nieqsa. Id-defunt kien allega illi l-kunsens tieghu

fuq il-kuntratt *de quo* kien ghal kollox nieqes u li l-istess kuntratt sar b'qerq ghad-dannu tieghu.

Illi skond il-ligi, kuntratt irid ikun fih ir-rekwiziti essenzjali kollha **(artikolu 996 tal-Kap. 16)** ossia l-kapacita`, il-kunsens, l-oggett u l-kawza sabiex ikun validu - altrimenti l-istess kuntratt huwa null u suggett ghar-rexxissjoni **(artikolu 1212 tal-Kap. 16)**. Il-vizzju fil-kunsens jista' jigi kkawzat minhabba zball, vjolenza jew qerq, liema qerq ghandu jkun ppruvat li kien ezercitat mill-konvenut wahdu jew ma' ohrajn, jew minn terzi.

Illi fin-nota ta' osservazzjonijiet l-atturi rreferew b'mod mhux daqshekk dirett ghal vizzju ta' kunsens minhabba biza' izda din ma tifformax il-mertu tal-kawzali tal-azzjoni attrici u allura mhux mertu ta' din il-kawza.

Illi fl-ewwel lok l-konvenut eccepixxa li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-**artikolu 1222 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi sabiex tigi evalwata din l-eccezzjoni irid jigi stabilit meta l-attur illum defunt Joseph Borg allegatament skopra l-ezistenza tal-kuntratt de quo u sabiex jigi determinat jekk it-terminu stipulat iddekoriex jew le.

Illi f'dan ir-rigward hemm hafna inkonsistenzi fix-xhieda ta' l-atturi odjerni Vincent u Maria Borg:-

(a) Vincent Borg xehed fl-20 ta' Marzu 2007 li *'Jiena gejt nghix lura hawn Malta xi tliet snin ilu. Xi xhur (forsi tliet xhur) wara li jiena gejt lura Malta, missieri kien talabni biex naghmel xi ricerka dwar l-art tal-Mistra'.* Mela skond din it-tezi jigi li d-defunt Joseph Borg skopra il-kuntratt datat 21 ta' Dicembru 1993 f'xi zmien fl-2004;

(b) Mill-banda l-ohra, in kontro-ezami, l-istess Vincent Borg qal *'kien ftit qabel ma nfethet din il-kawza* [dawn il-proceduri nbdew f'Awissu 2006] *illi jiena, fuq inkarigu ta' missieri, kont mort naghmel xi ricerka'*;

(c) Ili l-attrici Maria Borg, mill-banda l-ohra, xehdet fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2007 illi hi u zewgha gew

Malta fl-4 ta' April 2004 u qraw il-kuntratt lil Guzepp Borg fid-9 ta' Novembru 2005;

(d) Id-defunt Joseph Borg, min-naha tieghu, iddikjara fir-rikors guramentat u fl-affidavit tieghu mahluf fis-7 ta' Awwissu 2006 illi huwa sar jaf dwar il-kuntratt in kwistjoni *'ricentement'*.

Illi Vincent Borg rega' kien inkonsistenti fix-xhieda tieghu ta' l-20 ta' April 2007 dwar l-hekk imsejjah *'incident ta' wicc ir-raba"* - incident ferm rilevanti ghal din il-materja u li ser jigi analizzat f'aktar dettall, iktar 'il quddiem. Vincent Borg ghall-ewwel qal illi *'fil-perijodu bejn l-1996 u s-sena 2006, jien kont nikkomunika regolarment ma' missieri, pero` mhux meta kont nghix l-Ingilterra. Bejn l-1996 u s-sena 2006, jiena gieli semmejt ma' missieri dan l-incident tal-wicc tar-raba"* izda ezattament wara qal illi '*meta jiena kont ghadni nghix l-Ingilterra, ma kelli l-ebda kuntatt mieghu* (ossia ma' missieru). *Darba kull sena, jew forsi kull sentejn kont nigi vakanza ta' forsi gimgha hawn Malta. F'dawn l-okkazjonijiet kont inzur lil missierii. Qatt f'dawn l-okkazjonijiet ma kellimt lil missieri dwar l-incident ta' l-1996'*.

Illi ssir referenza ghal dak illi xehed Carmel Borg fit-3 ta' Settembru 2008. Dan l-ewwel ikkonferma l-affidavit tieghu tal-10 ta' Settembru 2007, u mbaghad xehed illi d-diskors ma' missieru fejn dan ta' l-ahhar haliflu li l-kunsens tieghu fuq il-kuntratt huwa hazin, kien sar xahar qabel ma nghatat din ix-xhieda (u kwindi f'Awissu 2008). Izda meta waqt l-istess seduta saritlu referenza ghall-ahhar paragrafu ta' l-affidavit tieghu fejn hemm referenza ghad-data tal-5 ta' Settembru 2007, Carmel Borg qal *'missieri ilu jghid dan id-diskors'.* Minbarra dan fix-xhieda ta' l-20 ta' April 2007 Vincent Borg xehed *'Charlie jigi Malta kull sena, daz-zmien, u sas-sena l-ohra stess jiena tkellimt mieghu dwar din il-kwistjoni'.* Dan ifisser illi Carmel sive Charlie Borg kien jaf bl-allegazzjoni mertu ta' dawn il-proceduri talanqas sa mis-sena 2006. Huwa minnu li r-rikors guramentat gie pprezentat proprju f'dik is-sena, izda din l-inkonsistenza fix-xhieda ta' Carmel Borg effettivament tnaqqas, jekk mhux ixxejjen ghal kollox, il-kredibilita` ta' l-istess xhud.

Illi jekk wiehed jiskarta l-inkonsistenzi fix-xhieda ta' l-atturi u ta' Carmel Borg, izda jaghzel illi jemminhom b'mod generiku u lat, allura jirrizulta illi l-kawza giet proposta entro t-terminu utili ta' sentejn dettat mill-**artikolu 1222 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi mill-banda l-ohra, il-konvenut fix-xhieda tieghu ta' l-1 ta' Gunju 2010, qal illi wara illi mietet l-omm fil-15 ta' Ottubru 1994), l-ulied bdew imorru d-dar iktar ta' spiss u l-missier kien gharraf lil uliedu bil-kuntratti, inkluz dak mertu ta' dawn il-proceduri, *'direttament'*. Semma wkoll illi missieru darba kien kellem lil huh Tony sabiex jitlaq l-art tal-Mistra ghaliex din kienet tal-konvenut stess (xhieda 8 ta' Ottubru 2010). Ovvjament, din ix-xhieda tregi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi in vista' ta' dan il-kunflitt fil-provi fejn parti tghid mod u parti tghid mod iehor, l-Qorti ghandha tara jekk tali versjoni ta' parti jew ohra hijiex korroborata anke bi provi cirkostanzjali li jghamlu verzjoni iktar verosimili minn ohra, b'dan li jista' jinghad li l-allegazzjoni ta' parti jew ohra giet pruvata fil-grad rikjest mill-Ligi.

Illi f'dan il-kaz partikolari jassumu importanza partikolari l-incident tal-wicc tar-raba', liema incident gara fis-sena 1996. Fit-18 ta' Lulju 1996 jirrizulta ppruvat li l-konvenut inkariga lill-avukat Dottor Karmenu Mifsud Bonnici sabiex jibghat baghat ittra datata 18 ta' Lulju 1996 (Dok. 'KMB 5') lil huh Tony Borg illi dak iz-zmien kien qieghed jahdem l-ghalqa in kwistjoni, sabiex jaghmlu ftehim bejniethom fejn l-istess Tony Borg kellu jirrilaxxa l-ghalqa favur il-konvenut, fuq talba ta' dan ta' l-ahhar.

Illi meta l-imsemmi Tony Borg baqa' ma tax widen ghad-diversi ittri mibghuta mill-konvenut, u wara illi l-konvenut tkellem dwar din is-sitwazzjoni ma' whud minn hutu anke fil-prezenza ta' missieru, il-konvenut u huh Carmelo sive Charlie Borg marru u qalghu l-wicc tar-raba' mill-art *de quo*.

Illi minn dan l-incident jirrizulta li gja min dak iz-zmien il-konvenut kien qed jippretendi illi din l-art kienet tieghu u

dan immanifesta kemm ma’ l-attur u kemm ma hutu li hadd minnhom ma jidher li kkontesta dak in-nhar din l-pretenzjoni tal-konvenut. Jirrizulta li hadd mill-familja ma’ ghamel xejn, u dan jinkludi l-attur li bl-ebda mod ma kkontrasta jew kkontesta dak il-hin qed jippretendi l-konvenut.

Illi jirrizulta wkoll li l-konvenut bl-ebda mod ma kien qed jahbi li huwa kien qed jagixxi bhala sid u allura isewgi li li dan huwa indikattiv kemm li l-konvenut ma pprova jahbi xejn u li alura kien maghruf mill-maggor parti tal-familja li kien sar il-kuntratt tat-trasferiment ta’ l-istess art.

Illi dan huwa konsistenti mal-fatt li l-atturi odjerni Vincent u Maria Borg jammettu illi huma kienu jafu bil-kuntratt tal-bejgh tal-Mistra ferm qabel inbdiet din il-kawza – ghalkemm dejjem baqghu jinsistu illi qatt ma raw l-istess kuntratt qabel ma ghamlu r-ricerki ghan-nom tad-defunt Joseph Borg. Vincent Borg fis-seduta ta’ l-20 ta’ April 2007 xehed: -

*‘fl-1996 (Godwin) kien cempel il-hotel illi jiena kont immexxi ghax ried ikellimni. Meta tkellimna, Godwin kien qalli illi kellu problema b’xi bicca art fil-Mistra. Dak iz-zmien, dik il-bicca art kienet tinhadem minn hija Tony… qalli li din l-art kienet tieghu. Qalli wkoll illi ried lil Tony jaghmillu bicca karta f’dan is-sens pero` Tony ma riedx… jiena lil Godwin kont ghidtlu illi jekk l-art kienet tieghu allura Tony kellu jaghtihielu. Pero` jien lil Godwin ghidtlu wkoll biex lil Tony jurih il-kuntratt li jghid illi l-art hija tieghu’* .

Illi minn dan jirrizulta li l-attur odjern Vincent Borg kien konxju ta’ dan il-kuntratt snin qabel ma qrah lil missieru gewwa d-Dar ta’ l-Anzjani fid-9 ta’ Novembru 2005, kif xehed f’dawn il-proceduri. Inoltre, l-istess Vincent Borg ma sab ebda oggezzjoni dwar dan u lanqas dwar il-fatt li l-ghalqa kienet ghaziza ghal missieru u li dan qatt ma xtaq li tinbiegh matul hajtu, kif l-atturi jinsistu f’dawn il-proceduri.

Illi l-fatt illi l-atturi odjerni Vincent u Maria konjugi Borg kienu jafu illi l-ghalqa in kwistjoni kienet ta' Godwin fis-sena 1996 huwa kkonfermat ukoll mix-xhieda ta' Maria Borg minnha moghtija fit-13 ta' Gunju 2007. Din qalet illi l-konvenut kellimha dwar l-ghalqa tal-Mistra u l-problemi ma' huh Tony sahansitra fil-prezenza tal-missier u anke ghaddiela kopja ta' ittra illi baghat lil huh (Dok. 'MB2'). Fil-fatt Maria Borg ziedet illi l-konvenut f'dan iz-zmien, ossia Novembru 1996, kien taha x'tifhem illi l-art kienet tieghu ghalkemm hija baqghet dejjem tinsisti dwar il-fatt illi l-konvenut m'urihiex il-kuntratt sabiex jipprova t-titolu tieghu (seduta 13 ta' Gunju 2007).

Illi l-atturi odjerni fil-fatt jinsistu hafna dwar il-fatt illi dakinhar il-konvenut ma weriex il-kuntratt lill-istess attrici Maria Borg. Donnhom iridu jiddezumu minn dan illi l-kuntratt ma kienx sar. B'danakollu, dan huwa michud mill-provi cirkostanzjali kollha u senjatament mill-fatt illi l-kuntratt *de quo* effettivament kien sar fil-21 ta' Dicembru 1993, u gie debitament insinwat ftit tal-granet wara. Il-fatt illi l-konvenut lil Maria Borg ma wrihiex kopja ta' l-istess kuntratt ma jfissirx illi l-kuntratt ma kienx sar. Anzi, mill-incident u mid-diskors illi xehdet dwaru l-istess attrici, kien bil-wisq ovvju ghal kulhadd illi l-konvenut kien qieghed jippretendi illi l-art kienet tieghu.

Illi ma dan jizdied jinghad li Maria Borg xehdet li dan id-diskors mal-konvenut sar fil-prezenza tad-defunt Joseph Borg u *'Guzeppi ma staqsienix u lanqas ikkummenta b'liema dritt Godwin jitkellem ghalih'* (xhieda ta' Maria Borg tat-13 ta' Gunju 2007). Dan ikompli jikkonferma li l-attur illum defunt Joseph Borg bl-ebda mod ma cahad li l-konvenut kellu l-jedd li jikkmanda xi jsir mill-ghalqa tal-Mistra tant li kien qed jagixxi bhala sid ta' l-istess. Jikkonferma wkoll illi l-istess defunt kien jaf illi l-art kienet giet trasferita lil ibnu l-konvenut, u l-inkwiet ma' l-istess ibnu, bil-konsegwenti allegazzjonijiet maghmula fil-proceduri odjerni, inqalghu biss iktar 'il quddiem.

Illi minn dan isegwi li huwa verosimili li kull min kien jaf b'dan l-incident tal-wicc tar-raba', kien jaf ukoll li dan sar fil-kuntest li l-konvenut kien jippretendi illi din l-art kienet

tieghu. Kienu jafu b'dan l-incident Vincent Borg (xhieda tal-20 ta' April 2007), Maria Borg, u Charlie Borg illi kien kompartecipi mal-konvenut meta nqala' l-wicc tar-raba' in kwistjoni, u, l-aktar importanti, id-defunt Joseph Borg u dan ghaliex:-

(a) Il-konvenut xehed fit-8 ta' Gunju 2010 li missieru kien jaf illi hu u huh Charlie kien ser imorru jaqilghu l-wicc tar-raba' kemm qabel ghamlu din il-bicca tax-xoghol kif ukoll wara (xhieda tal-konvenut 4 ta' Gunju 2010);

(b) Illi l-attrici Maria Borg xehdet fit-13 ta' Gunju 2007 li '*Guzepp, anke meta kellmuh dwar il-kwistjoni tal-wicc tar-raba', qatt ma semma xi kuntratt tal-Mistra'* .

(c) Illi l-attur Vincent Borg in kontro-ezami waqt is-seduta ta' l-20 ta' April 2007 xehed li *"Bejn l-1996 u s-sena 2006, jiena gieli semmejt ma' missieri dan l-incident tal-wicc tar-raba'".*

(d) Illi Emanuel Borg xehed fis-17 ta' Dicembru 2009 li *"Godwin kien qal quddiemi u wrieni 3 ittri illi huwa baghat lil Tony dwar dan. Dan id-diskors sar quddiem missieri u missieri qabez u qal li Tony rasu iebsa hafna. F'din l-okazzjoni Godwin kien qalli illi ried imur jaqla' l-pajpijiet tat-tisqija mill-art tal-Mistra u jiena ghidtlu biex ma jaghmilx hekk u jipprova jirrangaw bil-kwiet. Missieri rega' qabez u qalli "heqq, mela ghandu x'jistenna""* .

Illi Emanuel Borg xehed ukoll illi darb'ohra missieru kien infurmah li Godwin u Charlie kienu marru u qalghu l-pajpijiet tat-tisqija mill-Mistra u meta qallu illi m'ghamlux sew, missieru wiegbu *"x'jigifieri Lel? Hemmhekk hwejgu u jaghmel li jrid heqq."* Ix-xhud qal li missieru kien qed jirreferi ghal huh il-konvenut, u dan id-diskors irrepetieh diversi drabi, u anke qallu diskors fis-sens li *'Godwin jaghmel dak illi jrid ghaliex hemm tieghu'* .

Illi ghalhekk meta sehh l-incident tal-wicc tar-raba', u meta sar dan id-diskors kollu bejn ix-xiehda varji, jirrizulta li l-isfond kien li din l-art issa kienet tappartjeni lill-konvenut. Minn din ix-xhieda kollha jirrizulta li l-attur Joseph Borg fis-

sena 1996 kien ben konxju tal-fatt li l-konvenut kien qieghed jagixxi bhala sid ta' l-art in kwistjoni, u sahansitra kien accetta dan il-fatt tant li bl-ebda mod ma kkontestah. Dawn l-elementi ta' prova, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ixejjnu ghal kollox l-allegazzjoni attrici li l-istess defunt sar jaf dwar il-kuntratt mertu ta' dawn il-proceduri biss xi ftit tax-xhur qabel inbdew l-istess proceduri gudizzjarji.

Illi minn dan kollu jsegwi illi l-attur illum defunt, Joseph Borg kien jaf bil-kuntratt *de quo* snin twal qabel saru dawn il-proceduri, u cjoe' fiz-zmien li gie ppubblikat l-istess kuntratt, jew, fl-aghar ipotezi ghall-konvenut, ftit taz-zmien wara li sar il-kuntratt, u dan minkejja x-xhieda formali moghtija mid-defunt Joseph Borg fejn insista illi sar jaf *'ricentement'* u li gie ttradut minn ibnu l-konvenut. Dan ifisser, dejjem fl-aghar ipotezi ghall-konvenut, illi d-defunt Joseph Borg minkejja illi kien jaf b'dan il-kuntratt snin twal qabel infethet din il-kawza, naqas milli jiehu azzjoni fuq dan il-kaz fi zmien sentejn kif stipulat mill-**artikolu 1222 (1) tal-Kodici Civili** kif stipulat **fl-artikolu 1223 (1)**:-

*'iz-zmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jghodd biss, fil-kaz ta' vjolenza minn dak in-nhar li l-vjolenza tispicca u fil-kaz ta zball, ta' eghmil doluz , jew ta kawza falza, minn dak in-nhar li jinkixef id-difett'*

Illi ghalhekk la darba l-proceduri gew istitwiti fis-7 ta' Awissu 2006, il-kawza attrici ma gietx intavolata entro t-terminu utili u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi akkolta.

Illi l-Qorti hadet konjizzjoni tan-nota ta' kritika tal-attur fejn qed isostni li sabiex tintlaqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni dan irid issir fuq fatti li huma cari u mhux kongetturi (**'Peter Montebello vs Peter Montebello et'** (P.A. (JRM) – 25 ta' Settembru 2003). Huwa jghid li l-konvenut naqas li jipprova dan ghaliex ma semmiehx data ezatta meta d-*decujus* sar jaf bil-kuntratt in kwistjoni mertu tal-kawza odjerna.

Illi din il-Qorti thoss li dan ma huwiex il-kaz, anzi jirrizulta li meta sehh l-incident imsemmi fin-1996 l-istess attur

defunt kien irrikonoxxa d-dritt tal-konvenut fuq l-istess art, u dan ghaliex kien il-konvenut stess li kien qed jagixxi bhala tali, u fil-verita' xejn fin-nota ta' osservazzjonijiet ma jista' jbiddel il-fatt li f'dik is-sena l-attur Joseph Borg, illum mejjet, agixxa b'mod li wera u rrikonoxxa b'mod mill-iktar apparenti li kien il-konvenut li kien is-sid tal-istess art, u dan setgha jkun biss ghaliex kien konxju tal-fatt li huwa kien trasferixxa l-istess art lill-konvenut.

Illi ma dan jizdied il-fatt li l-istess konvenut b'mod mill-aktar appert kien iddikjara *inter alia* permezz ta' ittra legali datata 27 ta' Novembru 1996 (Dok. 'FGB 7' – fol. 267) li huwa proprjetarju tal-istess art. Din il-Qorti, anke in vista ta' dak li qed jirritjenu l-atturi, tara li ma jistax ikun kredibbli li l-atturi ma' kienux jafu b'din l-ittra u b'din l-azzjoni li kien qed jiehu l-konvenut, iktar u iktar in vista ta' dak kontenut fin-nota ta' kritika tal-konvenut li fil-fehma tal-Qorti jkomplu jikkonfermaw li l-attur kien jaf b'tali trasferiment, u l-provi f'dan il-kuntest huma konvincenti u fil-grad rikjest mill-ligi ; dan ifisser li l-azzjoni setghet tigi ezercitata sa mis-sena 1996 (**'John Bugeja vs Joseph Gauci'** (P.A. (JRM) – 28 ta' Novembru 2002). F'dan il-kuntest jinghad li mill-provi prodotti jirrizulta li gie determinat li l-preskrizzjoni bdiet tiddekorri f'dan il-kaz mis-sena 1996 u ghalhekk din il-Qorti thoss li f'dan il-kuntest dak hawn tenut juri li tressqet prova cara li turi b'mod mill-iktar preciz u enfattiku minn meta kellha tibda' taghddi l-prekrizzjoni (**'Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr. Maria Deguara'** (P.A. (JRM) – 30 ta' Ottubru 2003). B'hekk din il-Qorti qed tikkonferma l-konkluzzjoni raggunta mill-brava perit legali u dan qed issir wara li din il-Qorti kkonsidrat il-provi kollha prodotti, anke fi-dawl tas-sottomissjonijiet tal-partijiet u mhux lanqas in-nota ta' kritika estensiva tal-atturi. B'hekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi milqugha.

Illi ghall grazzja tal-argument jinghad li anke kieku tali eccezzjoni ma gietx milqugha l-azzjoni attrici ma' kienitx ser tirnexxi. Dan ghaliex ghalkemm dwar il-mertu l-atturi jallegaw li d-defunt Joseph Borg ma kien jaf assolutament xejn dwar il-kuntratt ta' bejgh fil-21 ta' Dicembru 1993 fejn l-istess defunt ittrasferixxa bicca art fil-limiti tal-Mistra lill-konvenut ibnu Godwin Borg dan huwa kontradett mix-

xhieda tan-Nutar John Debono, kif ukoll dik ta’ Louis Gray illi, flimkien ma’ l-avukat Halim Francis Ilia, kien prezenti waqt il-pubblikazzjoni tal-kuntratt bhala xhud tal-kuntratt minhabba l-infermita` tad-defunt Joseph Borg, ghandha ghalhekk importanza sostanzjali.

Illi n-Nutar John Debono dejjem insista illi l-kuntratt *de quo*, gie debitament insinwat, sar u sar kif suppost. Hekk ukoll jikkonferma x-xhud Gray. Fis-seduta tas-16 ta’ Dicembru 2009, in-Nutar Debono rrefera ghall diversi provi cirkostanzjali dwar il-kuntratt in kwistjoni. Fosthom insibu l-faccata tal-21 ta’ Dicembru 1993 mid-djarju ta’ l-istess Nutar Debono illi giet immarkata bhala Dok. ‘NG3’ fejn hemm indikat l-appuntament ghall-kuntratt in kwistjoni “Kunt Godwin” u n-numru ‘4’ indikat hdejhom b’*marker*. In-Nutar Debono rrintracca wkoll dawk illi huwa ddikjara illi huma l-*backups* ta’ l-istess kuntratti fuq *floppy disc*. Fuq il-*jacket* ta’ dina l-*floppy disc* (Dok. ‘NG4’) hemm indikati l-ismijiet tal-files/kuntratti illi hemm fid-diska.

Illi huwa xehed ukoll li f’diversi okkazjonijiet qabel id-data li fiha gie ppubblikat il-kuntratt, u wkoll dakinhar ta’ l-istess pubblikazzjoni, kien tkellem mad-defunt Joseph Borg u martu Giovanna dwar il-kuntratti. Fis-seduta tal-11 ta’ Marzu 2008, in-Nutar Debono xehed li Giovanna u Guzepp konjugi Borg kienu qalulu li jekk verament Godwin kien ser jiehu hsiebhom, allura huma xtaqu li ‘dak illi kellhom in parti jaghtuh lil Godwin bhala hlas ghas-servigi u in parti jbieghuhulu’. Dan kollu jindika illi Guzepp Borg, l-attur illum defunt, kien jaf bil-kuntratt tal-Mistra illi sar skond ix-xewqa tieghu.

Illi l-atturi odjerni Vincent u Maria konjugi Borg xehdu illi d-defunt Joseph Borg ma kienx ta l-kunsens tieghu sabiex isehh il-bejgh ta’ l-imsemmija ghalqa. Vincent Borg fis-seduta ta’ l-20 ta’ April 2007 xehed illi meta lil missieru qrawlu l-kuntratt tal-Mistra, l-istess missieru qal *‘dik jiena zgur ma bieghthielux, zgur, zgur, zgur’.* Dan gie mtenni wkoll mill-attrici Maria Borg illi fis-seduta tat-30 ta’ Mejju 2007 ikkonfermat dak illi qal zewgha, kif ukoll illi Joseph Borg dejjem baqa’ jinsisti illi l-art kienet tieghu.

Illi Carmel Borg, iehor minn ulied id-defunt Joseph Borg, ukoll xehed illi huwa jemmen illi Joseph Borg ma tax il-kunsens tieghu sabiex l-ghalqa tal-Mistra tinbiegh lill-konvenut Godwin Borg.  Fl-affidavit tieghu pprezentat fl-10 ta' Settembru 2007 xehed illi missieru haliflu :- *'nahlef, nahlef li dik ma bieghethielux lil Godwin !!'* apparti illi dejjem kellmu dwar l-ghalqa daqs li kieku kienet tieghu; sahansitra jghid illi fis-sena 1997 jew qabel missieru kien staqsieh jekk riedx jahdem l-ghalqa.

Illi effettivament hija l-kelma tad-defunt Joseph Borg, dik tal-konvenut bhala l-kontroparti fil-kuntratt de quo u t-testimonjanza tan-Nutar u tax-xiehda illi kienu prezenti ghall-pubblikazzjoni ta' l-istess kuntratt, illi tikkostitwixxi prova vera f'dan il-kaz.  Mill-bqija x-xiehda l-ohra appena msemmija xehdu dwar dak li allegatament intqal lilhom snin wara illi sar il-kuntratt *de quo*. Il-konvenut, in-Nutar John Debono u x-xhud Louis Gray huma lkoll konkordi li l-kuntratt sar skond il-Ligi – l-unika vuci diskordi f'dan ir-rigward hija dik ta' l-attur Joseph Borg.  B'danakollu d-dikjarazzjoni u l-insistenza tad-defunt Joseph Borg li huwa ma kienx parti mill-kuntratt tal-bejgh tal-Mistra huma imxejjna mill-provi l-ohra prodotti fl-atti ta' dina l-kawza.

Illi x-xhieda moghtija mill-attur Joseph Borg f'dawn il-proceduri ma tantx kienet cara u effettivament qajla taghti wens jew tidher illi hija ta' min jistrieh fuqha: -

*'Ma nistax nghid iva jew le meta mistoqsi jekk l-affidavit kitbuhx fuq li ghidt jiena jew kitbu haddiehor fuq li qal haddiehor'.*

Illi meta gie mistoqsi : - '*Kif kitbu affidavit, jista' jkun illi ghamilt kuntratt ukoll u ma tiftakarx? » wiegeb « jista' jkun, jista' jkun ukoll'.*

Illi l-atturi odjerni Vincent u Maria Borg, il-konvenut, in-Nutar John Debono u x-xhud Louis Gray ilkoll jaqblu illi minkejja li d-defunt Joseph Borg fl-1993 kien ta' eta` avvanzata u ghama, huwa kellu kapacita` mentali illi jikkuntratta ghaliex kien jifhem dak illi qieghed jaghmel u dak illi jkun qieghed isir madwaru.  Dan jista' jigi wkoll

dedott mill-fatt illi fl-istess zmien illi sar dan il-kuntratt, saru kuntratti ohra u anke testment illi mhux qieghed jigi attakkat u mill-fatt illi sahansitra tlettax-il sena wara illi sar il-kuntratt, l-attur Joseph Borg kien gie ezaminat mill psikjatra Peter Muscat illi ccertifikah *‘Free from any psychiatric disturbance and of good memory for recent and past events’* (Dok. ‘B’ – certifikat tal-Psikjatra Peter Muscat datat 5 ta’Lulju 2006).

Illi l-attrici Maria Borg fis-seduta tal-5 ta’ Ottubru 2007 qalet illi *‘Ghalkemm Guzepp huwa ghama, jifhem jekk taqralu xi haga, jifhmek’*. Dan intqal ukoll mill-konvenut illi ghamilha cara illi apparti li n-Nutar kien spjega kollox lil missieru kemm dakinhar li gie ppubblikat il-kuntratt fil-prezenza tax-xiehda kif ukoll fl-okkazzjonijiet l-ohra li n-Nutar kien mar ikellem lill-genituri tal-konvenut in konnessjoni ma’ dan il-kuntratt, missieru kien fehem kollox.

Illi fis-seduta tat-8 ta’ Gunju 2010, il-konvenut xehed illi *‘Ghalkemm missieri kien ghama u saru zewg kuntratti fl-istess gurnata, missieri kien jaf id-differenza bejn iz-zewg kuntratti ghaliex in-Nutar spjegalu’* ; sahansitra qal li in-Nutar *‘Lil missieri u lil ommi spjegalhom kelma b’kelma u huma diga` kienu jafu x’se jigri ghaliex in-Nutar kien gie jispjegalhom f’okkazjoni precedenti’* u li *‘ma setax kien hemm dubbju illi l-genituri tieghi t-tnejn kienu jafu x’qieghdin jiffirmaw u saret distinzjoni bejn iz-zewg kuntratti’.*

Illi n-Nutar John Debono fix-xhieda tieghu moghtija fis-seduta tal-11 ta’ Marzu 2008 *qal ‘spjegajtlu sewwa dak illi kien qieghed isir. Guzepp kien jaf tajjeb dak illi sar u kien kuntent hafna illi ma kienx ser jispicca tturufnat x’imkien’* u kompla jghid li *‘Guzepp ma jarax u lanqas kien jara fiz-zmien illi jiena ppubblikajt il-kuntratti illi qed nixhed dwarhom’, izda ‘Guzepp kien compos mentis mija fil-mija meta sar il-kuntratt’.* Elabora fuq dan meta qal illi hu kien assigura ruhu illi l-attur kien qieghed jifhem illi kienu qieghdin isiru zewg kuntratti separati’ kif ukoll illi f’okkazjoni precedenti huwa kien staqsa lill-attur Joseph

Borg jekk bzonn  ta’ interpretu, izda dan qallu illi le (xhieda tan-Nutar John Debono tat-18 ta’ Novembru 2009).

Illi l-istess jinghad dwar ix-xhieda ta’ Louis Gray fis-seduta ta’ l-10 ta’ Gunju 2010 fejn dan qal illi *‘Giovanna Borg u kif ukoll Joseph Borg kienu jitkellmu u jirrangunaw u ghalkemm Joseph Borg ma kienx jara, kien jaf x’irid jaghmel u x’qieghed isir’.* Qal ukoll illi Joseph Borg *‘naturalment’* kien qieghed jaghmel distinzjoni bejn iz-zewg kuntratti li saru u spjega l-metodologija li jaddotta in-Nutar Debono waqt il-pubblikazzjoni ta’ kuntratt billi l-ewwel jispjega l-kuntratt, jigi ffirmat u jitlesta minn kollox, imbaghad jaqra t-tieni kuntratt.  Qal li n-Nutar Debono beda jieqaf u jispjega kull parti tal-kuntratt illi jaqra.  Zied ukoll illi Joseph Borg *‘kien jaf x’qieghed isir zgur… ma ghamel l-ebda oggezzjoni huwa u jinqara l-kuntratt tal-Mistra’.*

Illi din il-Qorti bhal perit legali thossx li ma hemm xejn x’jindika ghaliex ix-xhieda tan-Nutar John Debono u dik ta’ Louis Gray ma ghandhiex titwemmen u isegwi li jirrizulta li l-attur Joseph Borg kien prezenti ghall-kuntratt *de quo* li effettivament gie insinwat ftit granet wara.

Illi mill-kwadru tal-provi kollha jirrizulta wkoll illi l-attur illum defunt Joseph Borg kien jaf sewwa x’qieghed isir fil-mument tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt *de quo* u ghaldaqstant la qarraq bih il-konvenut u lanqas in-Nutar. L-incident ta’ wicc ir-raba’ fuq imsemmi ma jhalli ebda dubbju li l-attur Joseph Borg, illum defunt, kien konsapevoli tal-kuntratt *de quo* fiz-zmien li sar – u senjatament tal-fatt li l-konvenut ma kellu xejn x’jahbi – u beda jagixxi b’mod apert bhala sid tal-proprjeta` in kwistjoni billi jibghat ittri u sahansitra jiehu l-ligi b’idejh billi qala’ l-wicc tar-raba’ – agir li mhux ta’ min ghandu x’jahbi. Ghalhekk jirrizulta kjarament li kuntrarjament ghal dak li ntqal mill-atturi, l-attur Joseph Borg kienu ilu jaf b’dan il-kuntratt sa minn dejjem - kwindi mhux il-kaz illi l-kunsens ta’ Joseph Borg kien nieqes jew ivvizzjat. Minn dan isegwi li galadarba l-kunsens ta’ l-attur ma kienx nieqes, allura l-kuntratt in kwistjoni m’ghandu l-ebda rekwizit rikjest mil-ligi nieqes, u konsegwentement huwa validu.

Illi dan apparti l-fatt li fil-kors ta’ dawn il-proceduri ma giex ipprovat mill-atturi, il-qerq min-naha tal-konvenut fil-konfront ta’ missieru, hekk kif indikat skond l-**artikolu 981 tal-Kodici Civili** illi jghid:-

*‘jippreskrivi li l-eghmil doluz huwa motiv ta’ nullita` tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali li minghajrhom il-parti l-ohra ma kienitx tikkuntratta. Izda l-istess artikolu jkompli jghid li dan l-eghmil doluz ma jistax ikun prezunt imma ghandu jigi ppruvat’.*(**‘Carmel Farrugia vs Alexandra Farrugia’** P.A. – 6 ta’ Marzu 2003).

Illi attwalment l-atturi fl-ebda punt ma pprovaw li l-konvenut kien ghamel xi ingann li gieghel lill-attur jidhol f’kuntratt kontra l-volonta` tieghu, hekk kif inhu mehtieg skond il-gurisprudenza taghna. Hekk nsibu fil-kaz fl-ismijiet **‘Gio Maria Camilleri vs Joseph Cachia et’** (P.A. – 31 ta’ Jannar 2003) :-

*‘Sabiex il-qerq jigi pprovat huma bizzejjed l-indizji u l-kongetturi basta li jkunu gravi u konkordanti, tali li jiggeneraw il-konvinzjoni li l-liberta` jew il-kuntratt impunjat kien l-effett ta’ qerq uzat mill-parti l-ohra jew minn terzi’.*

Illi fl-istess sentenza jinghad illi:-

*‘huwa mehtieg element specifiku kostitwit minn rapprezentazzjonijiet foloz, artifizji frawdolenti, l-ingann, uzati bhala mezz sabiex l-iskarsa intelligenza tal-kontraent l-iehor titqarraq’* .

Illi ghalhekk l-atturi kien jehtiegilhom jipprovaw ghemil doluz min-naha tal-konvenut – agir gravi u determinanti b’mod illi l-attur illum defunt Joseph Borg ma kienx jasal ghall-kuntratt tal-bejgh kieku ma kienx hemm dan l-ingann. Izda jirrizulta li hadd ma xehed dwar xi ingann da parti tal-konvenut, izda jidher illi t-tezi attrici, ghalkemm mhix definita, hija li l-attur Joseph Borg, dakinhar tal-21 ta’ Dicembru 1993, kien jaf biss li qieghed jaghmel testment

u/jew forsi l-kuntratt ta’ rendita vitalizia izda ma kienx jaf li kien qieghed ukoll ibiegh l-art tal-Mistra lil ibnu l-konvenut.

Illi b’danakollu, l-indizji u l-provi juru mod iehor. Certament, illi mhux il-kaz illi l-konvenut, bil-komplicita` shiha tan-Nutar Debono (skond kif jallegaw l-atturi) ghamel l-imsemmi kuntratt u heba kollox minn missieru. Fl-ewwel lok, in-Nutar John Debono xehed fis-seduta tat-18 ta’ Novembru 2009 li huwa kull meta jippubblika kuntratt, jibghat kopja lill-klient u ghaldaqstant l-attur Guzeppi Borg u martu Giovanna rcevew kopja tal-kuntratti wara li gew ippublikati.

Illi izda anke kieku, ghall-grazzja ta’ l-argument, in-Nutar Debono ma jitwemminx dwar dan, jew wiehed jipotizza li l-konvenut, illi kien ighix mal-genituri tieghu, issottratta din il-kopja tal-kuntratt u li kwindi f’dak iz-zmien, dak il-kuntratt ma giex a konjizzjoni tad-defunt Joseph Borg, certament illi l-konvenut ma hebiex dan il-kuntratt – kif wiehed kien jistenna kieku dan il-kuntratt kien sar b’qerq. Il-konvenut ighid li huwa baghat kopja tal-kuntratt lil huh Vincent u martu Maria fil-lukanda ta’ l-atturi gewwa l-Ingilterra (seduta 22 ta’ Settembru 2008).

Illi dan barra dak li gja inghad diversi drabi fis-sens li ghalkemm l-istess atturi issa u f’din il-kawza insistew li huma qatt ma raw il-kuntratt de quo qabel ma ghamlu r-ricerki ghan-nom tad-defunt Joseph Borg, jirrizulta mill-provi u minn dak deskritt bhala l-incident tal-wicc tar-raba’ li huma kienu jafu dwar l-istess kuntratt.

Illi jirrizulta wkoll li kien jaf ukoll b’dawn il-kuntratti hu l-partijiet odjerni Charlie li l-istess bhal Vincent Borg kien insista mal-konvenut fl-1994 jew 1996 sabiex jinforma lil hutu kollha b’dawn il-kuntratti (seduta 22 ta’ Settembru 2008). Inoltre, il-konvenut fis-seduta tal-21 ta’ Ottubru 2008 xehed li kemm hu kif ukoll missieru kienu qalu lil Charlie Borg bil-kuntratti li kienu saru u bil-fatt illi huh Tony ma kienx qieghed jaghti widen ghat-talbiet tal-konvenut sabiex issir skrittura fis-sens illi Tony kellu jibqa’ jahdem din l-art sakemm ma ssirlux talba ghar-ritorn taghha mill-

konvenut. Fil-fatt kien proprju hawn illi Charlie Borg ssuggerixxa illi jmorru jaqilghu l-wicc tar-raba'.

Illi jinghad li ghalkemm huwa minnu li fl-ittra tat-12 ta' Lulju 1996 esebita u mmarkata bhala Dok. 'KMB1' sa Dok. 'KMB 4' m'hemmx referenza specifika ghall-kuntratt ta' l-ghalqa tal-Mistra, izda dan ma jwassalx ghall-konkluzjoni illi l-konvenut kien qieghed jahbi dan il-kuntratt, kif jippretendu l-atturi. Dan ghaliex fl-ewwel lok, il-konvenut kien diga` baghat il-kuntratti lil uhud minn hutu u kellimhom dwarhom. Inoltre, tliet xhur wara l-ittra msemmija, fl-ittri l-ohra mibghuta lil Tony Borg, il-konsulenti legali tal-konvenut ghamlu referenza ghall-ghalqa bhala proprjeta` ta' l-istess konvenut, iktar minn darba u dan kif gja fuq imsemmi. Ghalhekk assolutament ma kien hemm ebda habi jew qerq min-naha tal-konvenut. Dan jidher bic-car mhux biss minn dak illi qalu l-atturi nfushom, izda anke mid-dokumenti esebiti f'dawn il-proceduri, immarkati bhala Dok. 'KGB6' u Dok. 'KGB7' datati 18 ta' Ottubru 1996 u 22 ta' Ottubru 1996, rispettivament. Fiz-zewg ittri mibghuta lil Tony Borg ghan-nom tal-konvenut saret referenza ghall-ghalqa tal-Mistra *'nirreferik ghall-ittra minghuta lilek mill-Avukat Dottor Karmenu Mifsud Bonnici, datata 18 ta' Lulju 1996, rigward l-uzu li qed taghmel mill-ghalqa tieghu'* u l-ohra fejn jinghad *'Qieghed ninterpellak sabiex zmien hmistax mid-data ta' din l-ittra inti taghti lura lil huk Godwin Borg, il-porzjon ta' art formanti parti mill-ghalqa msejjha 'Tal-Mistra' li hija proprjeta` ta' l-istess huk'* .

Illi ghalhekk f'dan il-kaz ma jirrizulta li kien hemm ebda qerq ezercitat fil-konfront ta' l-attur illum defunt Joseph Borg. Fil-kuntest tax-xhieda kollha migbura, huwa aktar verosimili illi l-missier biegh l-art tal-Mistra lill-konvenut ibnu bil-volonta` tieghu fiz-zmien meta hu u martu kienu qieghdin jittrasferixxu kollox lill-istess binhom bil-ghan li dan jibqa' jiehu hsiebhom. Izda aktar 'il quddiem avveraw ruhhom cirkostanzi li wasslu lill-istess defunt Joseph Borg jiddisjacih ta' dak illi kien ghamel ossia illi ta gidu f'hajtu, b'mod illi spicca b'xejn meta nqala' d-dizgwid bejnu u bejn l-istess ibnu l-konvenut. Konkatinat ma' din is-sitwazzjoni hemm ukoll id-dizgwid li eventwalment inqala' bejn il-

konvenut u l-attur odjern Vincent Borg dwar il-bejgh mill-proprjeta` li sar mill-konvenut lil Attard Brothers peress li l-attur Vincent Borg beda jippretendi illi jinghata sehem mir-rikavat – incident illi kompla zied il-pika u t-tixwix bejn il-partijiet illi qatt ma jidhru illi kienu maghquda hafna bhala familja wahda. In-Nutar John Debono xehed illi sa fejn jaf hu '*l-inkwiet bejn il-kontendenti beda fis-sena 2005 meta l-konvenut biegh sehem indiviz illi huwa kien messu permezz ta' wiehed mill-kuntratti illi l-genituri tieghu konjugi Borg kienu ghamlu favur l-istess binhom il-konvenut, fl-istess zminijiet ossia f'Jannar 1994… Fis-sena 2005 kien sar il-bejgh lil Attard Brothers u hemmhekk qam l-inkwiet'.*

Illi sahansitra, in-Nutar Debono xehed li meta l-attur odjern Vincent Borg fehem li ma kienx ser jintlahaq ftehim dwar din il-bicca ta' l-art mibjugha lil Attard Brothers, kien qal illi jekk Godwin ma jaghtihx il-flus, Vincent stess lil Godwin kien ser ikissru, jfarrku u jippersegwitah. Il-konvenut ukoll ikkonferma dan il-motiv fl-atturi odjerni.

Illi dan id-dizgwid wassal ghal pika bejn l-ahwa tant illi Vincent, l-istess iben illi kien qieghed jinkoraggixxi lill-genituri tieghu sabiex ihallu kull ma kellhom lill-konvenut (xhieda ta' Vincent Borg datata 20 ta' April 2007) biex issa jghin jekk mhux sahansitra jistiga lil missieru sabiex jiftah din il-kawza.

Illi la darba gie stabbilit li l-kunsens tal-missier ma kienx nieqes u ma kien hemm l-ebda qerq min-naha tal-konvenut, dawn is-sitwazzjonijiet iwasslu biex wiehed jasal ghall-konkluzjoni illi din il-kawza ma kienet xejn ghajr rizultat ta' pika da parti ta' l-atturi odjerni illi istigaw lid-defunt Joseph Borg sabiex jaghmel din il-kawza kif jidher mix-xhieda ta' Vincent Borg (20 ta' April 2007) stess meta qal :-

*'ahna tkellimna fit-tul fuq din il-bicca u jiena lil missieru staqsejtu ripetutament jekk hux zgur minn dak illi qed ighid ghaliex jien kien behsiebni li nipprocedi anke bil-Qorti, kif fil-fatt gara'.*

Illi minn naha tieghu d-defunt Joseph Borg fix-xhieda tieghu (seduta l-1 ta’ Marzu 2007) qal :-

*‘Ma nistax nghid iva jew le meta mistoqsi jekk l-Affidavit kitbuhx fuq li ghidt jiena jew kitbu haddiehor fuq li qal haddiehor’*

Illi ghaldaqstant jirrizulta illi l-kawza kollha saret unikament bl-insistenza ta’ l-attur odjern Vincent Borg.

Illi fin-nota ta’ kritika taghhom l-atturi jippruvaw jattakaw il-kredibilita’ tan-Nutar Joseph Debono u jirreferu ghall diversi brani mix-xhieda tieghu, izda jibqa’ l-fatt li x-xhieda tal-istess Nutar, apparti l-ezistenza tal-att pubbliku nnifsu, hija cara, fis-sens li l-attur kien prezenti ghall-istess kuntratt u kien jaf x’qed jaghmel, u huwa fehmu l-kontenut kollhu tal-istess. B’dak li jinghad f’pagni 15 sa 17 certament ma jistghu qatt ixejjnu dak li xehed in-Nutar u jirrizulta insinwat. Saret ukoll fl-istess nota riferenza ghall xhieda li ma kienux prezenti waqt il-kuntratt, u certament din ma tistax, iktar u iktar fic-cirkostanzi odjerni, twassal sabiex twaqqa’ x-xhieda tal-persuni li kienu partecipi fl-istess kuntratt, kemm bhala parti, kemm bhala Nutar u kemm bhala xhud.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk **ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi filwaqt li tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Godwin Borg fir-risposta’ guramentata tieghu datata 4 ta’ Settembru 2006 fis-sens li l-azzjoni attrici hija preskritta abbazi tal-artikolu 1222 tal-Kap. 16, u ghalhekk qed tichad it-talbiet attrici.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------